C/2026/3597

13.7.2026

RAPPORT DWAR L-ATTIVITÀ FINANZJARJA 2025

Taqsima II - Kunsill Ewropew u Kunsill

(C/2026/3597)

WERREJ

I. INTRODUZZJONI . . . 2

II. OBJETTIVI U BAĠIT GĦAS-SENA FINANZJARJA . . . 2

A. Objettivi finanzjarji ewlenin . . . 2

B. Stabbiliment tal-baġit għall-Kunsill Ewropew u l-Kunsill fl-2025 . . . 2

I) *Approċċ ġenerali* . . . 2

II) *Baġit tal-2025* . . . 3

III) *Baġit tal-2025 u Intestatura 7 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-Baġit tal-UE* . . . 3

III. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT FL-2025 . . . 4

A. Attivitajiet u objettivi tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill fl-2025 . . . 4

I) *Laqgħat* . . . 4

II) *Attivitajiet leġiżlattivi* . . . 5

III) *Modernizzazzjoni amministrattiva* . . . 5

IV) *Kisba tal-objettivi fl-2025* . . . 6

B. Dħul . . . 7

C. Nefqa fl-2025 . . . 8

I) *Modifika tal-baġit fl-2025* . . . 8

II) *Ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-baġit għall-2021-2025* . . . 10

III) *Implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet skont il-kategorija fl-2025* . . . 11

D. Approprjazzjonijiet riportati . . . 13

I) *Approprjazzjonijiet riportati awtomatikament mill-2024 għall-2025* . . . 13

II) *Approprjazzjonijiet riportati awtomatikament mill-2025 għall-2026* . . . 15

E. Dħul assenjat . . . 17

I) *Dħul assenjat akkumulat qabel l-2025* . . . 17

II) *Dħul assenjat akkumulat qabel l-2025 u riportat għal ħlas mill-2024* . . . 18

III) *Dħul assenjat akkumulat fl-2024 u riportat għal ħlas għall-2025* . . . 19

IV) *Dħul assenjat akkumulat qabel l-2025 u riportat għal ħlas għall-2026* . . . 20

V) *Dħul assenjat akkumulat fl-2025* . . . 21

ANNESS I . . . 22

I. INTRODUZZJONI

Abbozzat f'konformità mal-Artikolu 255 tar-Regolament Finanzjarju [1], dan id-dokument jikkostitwixxi rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tat-Taqsima II tal-baġit tal-UE (il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill) għas-sena finanzjarja 2025.

Ir-rapport huwa bbażat fuq il-kontijiet proviżorji għall-2025, is-sejbiet tar-rapporti dwar l-attività annwali tal-uffiċjali awtorizzanti tal-Kunsill, u informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit mis-sistema finanzjarja tal-Kunsill.

Il-Kapitolu II ta' dan ir-rapport jippreżenta sommarju tal-qafas stabbilit għas-sena finanzjarja 2025. Il-Kapitolu III jagħti ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet tal-baġit disponibbli fl-2025.

L-implimentazzjoni tal-baġit għall-2025 skont il-linji baġitarji hija ppreżentata fl-Anness I.

II. OBJETTIVI U BAĠIT GĦAS-SENA FINANZJARJA 2025

A. Objettivi finanzjarji ewlenin

L-objettivi finanzjarji ewlenin tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (SĠK) għall-2025 kienu li:

— jiżgura l-kontinwità tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-Kunsill Ewropew u fil-Kunsill;

— jiżgura li l-appoġġ għall-Kunsill Ewropew u l-Kunsill jibqa' konsistenti permezz tal-użu effettiv u effiċjenti tar-riżorsi finanzjarji, b'mod partikolari minħabba l-livell tal-inflazzjoni fl-aħħar snin u l-indiċjar relatat;

— ikompli l-proċess ta' modernizzazzjoni diġitali amministrattiva bl-objettiv li tittejjeb l-organizzazzjoni tas-SĠK u li r-riżorsi jintużaw bl-aħjar mod.

B. Stabbiliment tal-baġit għall-Kunsill Ewropew u l-Kunsill fl-2025

I) *Approċċ ġenerali*

Meta stabbilixxa l-proposta tal-baġit tal-2025 għall-Kunsill Ewropew u l-Kunsill (KE/K), is-SĠK ikkalkula l-baġit għan-nefqa relatata mas-salarji skont il-gwida pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea.

Fir-rigward tan-nefqa mhux relatata mas-salarji, l-objettiv ġenerali kien li ma jinqabiżx, f'termini nominali, il-livell globali tal-baġit tal-2024 b'aktar minn 2 %. Oqsma b'żidiet ta' aktar minn 2 %, ikkawżati minn obbligi statutorji jew kuntrattwali, jew żidiet f'oqsma meqjusa essenzjali għall-funzjonament tas-SĠK, ġew ikkumpensati minn kisbiet fl-effiċjenza u billi proġetti ġew ipprijoritizzati u pprogrammati mill-ġdid.

Fir-rigward tal-persunal, is-SĠK kompla jirrazzjonalizza l-organizzazzjoni permezz tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet li ġejjin:

— it-trasformazzjoni ta' 15-il kariga ta' AST fi 15-il kariga ta' AD u 10 karigi ta' AST f'10 karigi SC bħala parti mill-tkomplija tal-modernizzazzjoni amministrattiva, b'effett newtrali fuq il-baġit;

— l-adattament tat-tnaqqis b'rata fissa għal - 1,8 %, li jirrifletti proċess aktar effiċjenti għall-mili tal-postijiet vakanti.

[1] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni).

II) ***Baġit 2025***

L-awtorità baġitarja stabbiliet il-baġit globali 2025 tal-KE/K bħala wieħed ta' EUR 714,3 miljun ([2]). Dan irrappreżenta żieda ta' EUR 37,4 miljun (+ 5,5 %) meta mqabbel mal-2024.

Fl-2025, in-nefqiet relatati mas-salarji ammontaw għal EUR 473,4 miljun (+ 7,4 %) filwaqt li n-nefqiet mhux relatati mas-salarji ammontaw għal EUR 240,9 miljun (+ 2,0 %).

It-tabella tal-persunal għall-2025 għall-KE/K żdiedet b'kariga u l-għadd ta' karigi kien stabbilit għal 3 030.

It-Tabella 1 tagħti ħarsa ġenerali lejn il-baġit 2025 skont il-kategorija.

Tabella 1

Baġit tal-KE/K għall-2025 meta mqabbel mal-2024 (skont il-kategorija, EUR)

Kategorija	Baġit 2024	Baġit Ivvutat Inizjali 2025	Baġit emendat 2025	Bidla 2025/2024
	1	2	3	4=3/2
Tabella tal-persunal	412 323 234	445 438 151	443 931 151	7,7 %
Infiq ieħor għall-persunal	28 466 729	29 637 000	29 464 000	3,5 %
Binjiet (minbarra akkwisti)	59 969 180	60 185 000	60 185 000	0,4 %
Sistemi tal-kompjuter	53 994 000	54 410 707	54 410 707	0,8 %
Għamara	1 044 980	1 055 000	1 055 000	1,0 %
Tagħmir tekniku	3 253 000	3 644 000	3 644 000	12,0 %
Trasport	2 174 000	2 190 000	2 190 000	0,7 %
Spejjeż tal-ivvjaġġar tad-delegazzjonijiet	15 505 000	15 505 000	15 505 000	0,0 %
Spejjeż ta' interpretazzjoni	81 600 000	85 060 000	85 060 000	4,2 %
Laqgħat u konferenzi	7 531 000	7 609 000	7 609 000	1,0 %
Informazzjoni	9 633 000	9 808 000	9 808 000	1,8 %
Mixxellanju	1 387 000	1 407 000	1 407 000	1,4 %
Riżerva				
Total (minbarra akkwisti)	**676 881 123**	**715 948 858**	**714 268 858**	**5,5 %**
Akkwist ta' proprjetà immobbli				
Total globali	**676 881 123**	**715 948 858**	**714 268 858**	**5,5 %**

III) ***Baġit tal-2025 u Intestatura 7 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-Baġit tal-UE***

It-Tabella 2 tagħti ħarsa ġenerali lejn l-evoluzzjoni tal-baġit tal-KE/K fl-2021-2025. Is-sehem tal-KE/K skont l-Intestatura 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali naqas matul dak il-perjodu minn 5,7 % fl-2021 għal 5,6 % fl-2025.

([2]) Il-baġit tal-2025 tnaqqas b'EUR 1 680 000 wara l-Baġit Emendatorju 3/2025.

Tabella 2

Evoluzzjoni tat-Taqsima II tal-baġit tal-UE (il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill) taħt l-Intestatura 7 (preċedentement l-Intestatura 5) tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali fl-2021-2025

(Ammonti bi prezzijiet attwali)	2021		2022		2023		2024		2025	
	M€	bidla	M€	bidla	M€	bidla	M€	bidla	M€	bidla
Intestatura 7	10 443	2,2 %	10 620	1,7 %	11 311	6,5 %	12 057	6,6 %	12 766	5,9 %
KE/K	594	0,6 %	611	2,9 %	648	6,0 %	677	4,5 %	714	5,5 %
Is-Seħem ta' KE/K f'Intestatura 7	**5,7 %**		**5,8 %**		**5,7 %**		**5,6 %**		**5,6 %**	

III. **ĦARSA ĠENERALI LEJN L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT FL-2025**

A. **Attivitajiet u objettivi tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill fl-2025**

Fir-rapport tal-attività finanzjarja, is-SĠK jagħti informazzjoni dwar l-attivitajiet ċentrali tiegħu li huma rilevanti minn perspettiva finanzjarja u jiddeskrivu l-funzjonament tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill matul is-sena finanzjarja. Ir-rapport jenfasizza wkoll il-kisbiet prinċipali tas-sena.

I) ***Laqgħat***

It-Tabella 3 tagħti ħarsa ġenerali lejn l-evoluzzjoni tal-għadd ta' laqgħat organizzati mis-SĠK għall-Kunsill Ewropew u l-Kunsill bejn l-2021 u l-2025.

Tabella 3:

Evoluzzjoni tal-għadd ta' laqgħat 2021-2025

	2021			2022			2023			2024			2025		
	Preżenza fiżika	VTC / Ibridi	TOTAL	Preżenza fiżika	VTC / Ibridi	TOTAL	Preżenza fiżika	VTC / Ibridi	TOTAL	Preżenza fiżika	VTC / Ibridi	TOTAL	Preżenza fiżika	VTC / Ibridi	TOTAL
Summits	14	7	21	15	1	16	10	1	11	10	10	10	2		12
Kunsilli	79	38	117	102	7	109	94	3	97	97	4	101	101	4	105
Coreper	123		123	158		158	156		156	124		124	161	5	166
Coreper Art. 50															
Gruppi ta' ħidma	1 237	2 793	4 030	3 468	663	4 131	3 902	263	4 165	3 514	193	3 707	3 698	132	3 830
Komunità Politika Ewropea (KPE)							1								
Total	**1 453**	**2 838**	**4 291**	**3 744**	**671**	**4 415**	**4 162**	**267**	**4 429**	**3 745**	**197**	**3 942**	**3 970**	**143**	**4 113**

Fl-2025 kien hemm ukoll żewġ summits bilaterali u summit multilaterali wieħed:

— Fit-23 ta' Ġunju 2025, António Costa, il-President tal-Kunsill Ewropew, u Ursula von der Leyen, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentaw lill-UE fl-20 summit bejn l-UE u l-Kanada, li sar fi Brussell. Il-Prim Ministru Mark Carney rrappreżenta lill-Kanada. Is-summit kien opportunità biex tissaħħaħ is-sħubija strateġika bejn l-UE u l-Kanada u biex il-mexxejja jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom, fid-dawl tal-kuntest ġeopolitiku u ekonomiku li qed jinbidel malajr.

— Fit-22 ta' Ottubru 2025, il-President tal-Kunsill Ewropew, António Costa, u l-President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, li kienu qed jirrappreżentaw l-UE, iltaqgħu mal-President tal-Eġittu Abdul Fattah El-Sisi fl-ewwel summit li qatt sar bejn l-UE u l-Eġittu. Dan kien ukoll l-ewwel summit bilaterali ma' kwalunkwe pajjiż fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq. Is-summit kien opportunità biex jiġu approfonditi aktar ir-relazzjonijiet bilaterali bejn l-UE u l-Eġittu u s-sħubija politika u ekonomika tagħhom, bl-għan li jitrawmu l-istabbiltà, il-paċi u l-prosperità kondiviżi tal-partijiet. Il-mexxejja ssottolinjaw l-ambizzjoni kondiviża tagħhom li jikkooperaw fi kwistjonijiet globali u reġjonali komuni, fosthom is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani, l-Ukrajna, il-multilateraliżmu, il-kummerċ, il-migrazzjoni u s-sigurtà.

— Il-mexxejja tal-UE u tal-Balkani tal-Punent iltaqgħu fi Brussell fis-17 ta' Diċembru 2025. Il-laqgħa pprovdiet opportunità biex tintwera u tiġi kkonfermata mill-ġdid is-saħħa tar-relazzjoni strateġika bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent u l-benefiċċji li din iġġib liċ-ċittadini. Is-summit enfasizza l-importanza tar-relazzjoni politika u ekonomika mill-qrib bejn l-UE u s-sħab tal-Balkani tal-Punent u l-ħtieġa għal rabtiet dejjem aktar b'saħħithom bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent.

Barra minn hekk, fis-17 ta' Marzu 2025, l-Unjoni Ewropea ppresediet id-disa' Konferenza ta' Brussell "Standing with Syria: Meeting the Needs for a Successful Transition." Fil-laqgħa ħadu sehem delegati mill-istati membri tal-UE, il-gvern tranżizzjonali tas-Sirja, il-pajjiżi ġirien tas-Sirja, pajjiżi sħab oħra u donaturi, u organizzazzjonijiet internazzjonali, fosthom in-NU. B'dimostrazzjoni ċara li ser tkompli tagħti appoġġ, l-UE qed timpenja kważi EUR 2,5 biljun għall-2025 u l-2026, waqt li flimkien mas-sħab, ġbarna total ta' EUR 5,8 biljun, biex ngħinu l-proċess ta' tranżizzjoni tas-Sirja u l-irkupru soċjoekonomiku tal-pajjiż, filwaqt li nindirizzaw wkoll il-ħtiġijiet umanitarji urġenti, kemm fis-Sirja kif ukoll fil-komunitajiet ospitanti fil-Ġordan, il-Libanu, l-Iraq u t-Turkija.

II) ***Attivitajiet leġiżlattivi***

Indikatur kwantitattiv ieħor tal-attivitajiet huwa l-għadd ta' atti legali ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali (ĠU) (Tabella 4). Fl-2025 ([3]), ġew ippubblikati 1 609 atti legali fil-ĠU. Il-pubblikazzjoni tal-atti legali fil-ĠU hija l-pass finali tal-proċess leġiżlattiv.

Tabella 4

Evoluzzjoni tal-għadd ta' atti legali fl-2021-2025

	2021	2022	2023	2024	2025
Atti legali ppubblikati fil-ĠU	1 340	1 517	1 545	1 441	1 609

III) ***Modernizzazzjoni amministrattiva***

Fl-2025, is-SĠK kompla jtejjeb il-kwalità u l-effiċjenza tal-organizzazzjoni interna tiegħu u kompla jsegwi l-għan tiegħu ta' trasformazzjoni diġitali, f'konformità mal-prijoritajiet tal-Istrateġija Diġitali tas-SĠK għall-2022-2025:

— Diversi għodod tal-IT komplew jittejbu biex jiġu mmodernizzati u diġitalizzati l-proċessi tan-negozju ewlenin relatati mat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill. B'mod partikolari, l-eConsilium sarlu titjib importanti li jippermetti lill-persunal jimmaniġġa ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tad-dokumenti ta' politika kollha f'post wieħed. Barra minn hekk, ġew identifikati sinerġiji bejn programmi ewlenin li jappoġġaw l-Implimentazzjoni tal-Ġestjoni tad-Dokumenti u l-Fajls (DFMI), il-Ġestjoni tal-Informazzjoni u l-Għarfien 2 (IKM2), il-Ġestjoni tal-Eventi u l-eConsilium.

— L-2025 immarkat ukoll it-tlestija tal-ewwel pjan direzzjonali tal-Istrateġija Diġitali u t-tnedija tat-tħejjija tal-pjan direzzjonali l-ġdid 2026-2028, appoġġat minn rapport ta' rendikont komprensiv li ġabar il-kisbiet ewlenin u l-opportunitajiet futuri għall-iżvilupp diġitali. Rat ukoll bidla strutturali ewlenija fl-organizzazzjoni, bl-istabbiliment tad-DITEC u d-direttorat tad-diġitalizzazzjoni tiegħu kif ukoll l-istabbiliment tad-Direttorat tat-Teħid tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill fil-GIP.

([3]) Il-metodoloġija għall-kalkolu ta' dawn iċ-ċifri nbidlet meta mqabbla mas-snin preċedenti. Qabel l-2025, l-għadd ta' atti legali kien jirrifletti l-għadd reali mibgħut lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet mill-Kunsill filwaqt li mill-2025 dan l-għadd jirrifletti l-għadd ta' atti legali miktuba jew miktuba b'mod konġunt mill-Kunsill ippubblikati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

— Fil-qasam tal-politika tal-persunal, il-ħames stħarriġ tal-persunal mill-2018 tnieda fl-2025 u laħaq l-ogħla rata ta' parteċipazzjoni tiegħu. Dan għadu għodda utli għat-tisħiħ tal-organizzazzjoni, billi jidentifika oqsma għal titjib, u jżomm l-istatus tas-SĠK bħala post tax-xogħol attraenti. Barra minn hekk, ġie organizzat ċiklu ieħor ta' job shadowing interistituzzjonali, li rawwem il-kollaborazzjoni u t-tagħlim fost il-parteċipanti. Biex tkompli tissaħħaħ il-kultura organizzazzjonali, ġiet approvata strateġija ġdida għad-diversità u l-inklużjoni, li tippromwovi r-rispett, l-unità u l-opportunitajiet indaqs fl-istituzzjoni kollha. Barra minn hekk, tnieda ċiklu ieħor tal-eżerċizzju ta' feedback fuq 360° għall-maniġers u l-kapijiet tas-settur. L-għan kien li jiġi appoġġat l-iżvilupp professjonali tagħhom billi tiżdied is-sensibilizzazzjoni kemm dwar il-punti b'saħħithom kif ukoll dwar l-oqsma għall-iżvilupp.

— F'termini tal-politika ta' ġestjoni ambjentali tas-SĠK, fl-2025 is-SĠK adotta Strateġija Ekoloġika b'orizzont għall-2030. Din l-istrateġija hija pjan direzzjonali li jħares 'il quddiem li jiggwida lis-SĠK biex isir organizzazzjoni aktar sostenibbli sal-2030. L-istrateġija tmur lil hinn mit-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju tas-SĠK; għandha l-għan li toħloq organizzazzjoni aktar reżiljenti u sostenibbli filwaqt li żżomm il-livell ta' attività meħtieġ biex tiżgura li d-diskussjonijiet u n-negozjati tal-Istati Membri jseħħu fl-aħjar kundizzjonijiet.

IV) ***Kisba tal-objettivi fl-2025***

Il-kisba tal-objettivi stabbiliti għas-sena baġitarja 2025 tista' titqassar kif ġej:

— *Tabella tal-persunal*

Fl-1 ta' Jannar 2025, kien hemm 2 952 kariga okkupata fis-SĠK. B'riżultat tar-rotazzjoni tal-impjegati matul is-sena, fil-31 ta' Diċembru 2025 kien hemm 2 986 kariga okkupata, li jirrappreżentaw differenza ta' 34 kariga okkupata addizzjonali fit-Tabella tal-Persunal tal-KE/K. (NB: Il-karigi okkupati jinkludu wkoll karigi okkupati minn persunal mhux remunerat li jokkupa pożizzjoni, f'konformità mad-definizzjoni stipulata fir-Regolamenti tal-Persunal.)

— *Ġestjoni finanzjarja*

Biex jiġi żgurat użu effiċjenti tal-baġit tiegħu, fl-2025 is-SĠK kompla jtejjeb il-proċessi ta' ġestjoni finanzjarja tiegħu:

— Saru bidliet fis-sistema tal-ġestjoni finanzjarja sabiex ikun hemm firda ċara bejn l-impenji baġitarji u legali, u tkun tista' ssir ġestjoni diretta tagħhom. Dan jippermetti identifikazzjoni aktar kmieni ta' nfiq żejjed jew infiq insuffiċjenti f'oqsma partikolari u jiffaċilita l-aħjar użu tal-approprjazzjonijiet.

— Il-limiti ta' delega għall-Uffiċjali Awtorizzanti b'sottodelega ġew aġġornati għall-ewwel darba mill-2009. Dan jiffaċilita awtorizzazzjoni aktar rapida tan-nefqa u jħaffef l-ġestjoni tal-baġit.

— Sar aktar progress fil-mixja lejn diġitalizzazzjoni sħiħa, bi kważi 50 % tal-ordnijiet ta' xiri u l-kuntratti ffirmati elettronikament. Is-soluzzjoni tal-akkwist elettroniku tal-Kummissjoni ser tiġi adottata bis-sħiħ ukoll minn Jannar 2026. Ħamsa u disgħin fil-mija (95 %) tal-fatturi tal-Kunsill jaslu elettronikament permezz ta' pjattaformi diġitali. Il-bqija jaslu f'format pdf, jew stampati.

F'konformità mad-Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), il-ħlas għandu jsir fi żmien 30 jum mill-wasla tal-fattura. Fl-2025, id-dewmien medju fil-ħlas tal-fatturi naqas bi ftit minn 15 għal 13-il jum.

— *Il-politika dwar il-bini*

Il-politika tal-Kunsill dwar il-bini hija stabbli. Sa mill-2004, l-għan tal-Kunsill kien li jakkomoda l-attivitajiet kollha tiegħu u dawk tal-Kunsill Ewropew fi Brussell f'binjiet proprjetà tiegħu adattati għall-ħtiġijiet tiegħu u li jinsabu qrib xulxin. Din ir-riorganizzazzjoni tlestiet mat-tlestija tal-bini Europa f'Ġunju 2016.

Is-SĠK għadu qed jesplora diversi opzjonijiet għar-rinnovazzjoni tal-bini Justus Lipsius u, b'mod usa', l-iżvilupp futur tas-sit u l-bżonnijiet tiegħu għal uffiċċji u spazju għal-laqgħat. Dan il-proġett huwa meħtieġ biex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq taż-żewġ istituzzjonijiet, biex jiġi żgurat livell għoli ta' prestazzjoni ambjentali, b'mod partikolari, bil-ħsieb tar-regolamenti applikabbli, u biex jiġi pprovdut ambjent tax-xogħol ottimizzat, akkoljenti, stimulanti u sigur.

([4]) Id-Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi tranżazzjonijiet kummerċjali (ĠU L 48, 23.2.2011, p. 1).

B. **Dħul**

It-Tabella 5 tagħti ħarsa ġenerali lejn l-eżitu ġenerali tal-operazzjonijiet tad-dħul fl-2025. It-terminu "drittijiet stabbiliti 2024" jirreferi għal ordnijiet ta' rkupru li saru fl-2024 iżda li għalihom l-irkupru tal-ammonti msemmija ma sarx qabel l-2025. It-terminu "drittijiet stabbiliti 2025" jirreferi għal irkupri li saru fl-2025.

Tabella 5

Ħarsa ġenerali lejn l-operazzjonijiet tad-dħul fil-baġit 2025 (EUR)

Kapitolu		Drittijiet stabbiliti 2024	Dħul irkuprat mill-2024	Drittijiet stabbiliti 2025	Dħul irkuprat mill-2025	Total ta' drittijiet stabbiliti 2024 +2025	Total irkuprat 2024+2025	Li għandu jiġi rkuprat fl-2026
		1	2	3	4	5=1+3	6=2+4	7=5-6
30	Dħul mill-Persunal			80 711 070	80 711 070	80 711 070	80 711 070	
31	Dħul b'rabta mal-proprjetà	3 868	3 868	604 172	600 212	608 040	604 080	3 960
32	Dħul mill-forniment ta' oġġetti, servizzi u xogħlijiet	186 321	186 321	1 831 337	1 828 681	2 017 658	2 015 002	2 656
33	Dħul amministrattiv ieħor	736 960	373 355	25 366 513	24 837 858	26 103 474	25 211 213	892 261
40	Dħul minn investimenti u kontijiet			820 091	820 091	820 091	820 091	
	Total	**927 150**	**563 544**	**109 333 183**	**108 797 912**	**110 260 332**	**109 361 456**	**898 876**

Il-volum totali tal-operazzjonijiet tad-dħul f'termini ta' drittijiet stabbiliti, jiġifieri l-ordnijiet għall-irkupru maħruġin, kien ta' EUR 110,3 miljun fl-2025. Minn dak l-ammont, EUR 109,4 miljun ġew irkuprati matul is-sena finanzjarja 2025 u EUR 0,9 miljun ser jinġabru fl-2026.

Il-parti l-kbira tad-dħul totali rkuprat (74 % jew EUR 80,7 miljun minn EUR 109,4 miljun) fl-2025 kienet tirrigwarda t-taxxi u imposti speċjali fuq remunerazzjonijiet miġbura mill-persunal tas-SĠK. Minn dak l-ammont, it-tnaqqis mir-remunerazzjoni tal-persunal renda EUR 38,4 miljun, filwaqt li EUR 42,3 miljun kienu jikkorrispondu għal kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni.

Il-bqija, jiġifieri 26 % (EUR 28,7 miljun), ġew akkumulati minn diversi operazzjonijiet amministrattivi, prinċipalment mis-sorsi li ġejjin:

— ħlasijiet mill-Istati Membri għal interpretazzjoni supplementari fuq talba għal ċerti lingwi (EUR 11,5 miljun, Kapitolu 33);

— l-irkupru ta' partijiet mill-ammonti mħallsa lill-Istati Membri fis-snin preċedenti għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar tad-delegati b'segwitu għad-dikjarazzjonijiet tagħhom għall-2023 u l-2024 (EUR 8,7 miljun, Kapitolu 33);

— il-kontribuzzjonijiet għal spejjeż amministrattivi li jirriżultaw fil-qafas tal-"acquis ta' Schengen" mal-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera (EUR 1,6 miljun, Kapitolu 33);

— il-ħlasijiet mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Awdituri, l-Istitut Universitarju Ewropew f'Firenze u l-Faċilità Ewropea għall-Paċi – Operazzjonijiet bħala l-kontribuzzjonijiet tagħhom għas-sistema finanzjarja komuni li jikkondividu mal-Kunsill (EUR 1,4 miljun, Kapitolu 32);

— il-kontribuzzjonijiet minn istituzzjonijiet oħra u l-ħlasijiet minn uffiċjali tal-Kunsill għall-crèche tal-Kunsill (EUR 0,8 miljun, Kapitolu 33);

— id-dħul minn investimenti u kontijiet, li għandu jiġi rimborżat lill-Istati Membri fl-2026, (EUR 0,8 miljun, Kapitolu 40);

— il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri għall-ispejjeż kondiviżi tas-software u t-tagħmir (EUR 0,6 miljun, Kapitolu 33);

— ir-rikavati mill-kiri ta' bini u r-rimborżi relatati (EUR 0,6 miljun, Kapitolu 31);

— l-irkupru ta' partijiet mill-ammonti mħallsa fir-rigward tal-ispejjeż tal-catering (EUR 0,5 miljun, Kapitolu 33);

— l-irkupru għall-ħlas tal-persunal iffinanzjat mill-EPF (EUR 0,4 miljun, Kapitolu 33).

C. **Nefqa fl-2025**

I) ***Modifika tal-baġit fl-2025***

Matul is-sena finanzjarja 2025, l-approprjazzjonijiet ġew riallokati permezz ta' diversi trasferimenti. It-Tabella 6 turi d-deċiżjonijiet li mmodifikaw l-approprjazzjonijiet tal-baġit fl-2021-2025.

Tabella 6

Għadd ta' modifiki tal-baġit skont it-tip fl-2021-2025

Modifika		Sena				
Tip	Bażi legali	2021	2022	2023	2024	2025
Baġit emendatorju	*RF Artikolu 44*	0	0	0	0	0
Trasferiment B	*RF Artikolu 29*	41	58	38	39	46
Trasferiment C	*RF Artikolu 29*	2	6	3	3	2
Trasferiment D	*RF Artikolu 31*	0	0	0	0	0
	Total	**43**	**64**	**41**	**42**	**48**

Żewġ trasferimenti C, li involvew notifika lill-awtorità tal-baġit (f'konformità mal-Artikolu 29 tar-Regolament Finanzjarju), twettqu fl-2025:

— it-trasferiment C1 ta' EUR 4 130 000 fid-19 ta' Settembru 2025 biex:

— ikopri talbiet ġodda għal għajnuna supplimentari għall-persuni b'diżabbiltà u tiġi koperta ż-żieda fil-kost tal-akkomodazzjoni f'ċentri speċjalizzati għal każijiet b'għajnuna diġà mogħtija (EUR 100 000);

— ikopri ż-żidiet fl-ispejjeż tal-missjonijiet u l-ivvjaġġar tal-persunal tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (SĠK) minħabba aktar attività politika, kif ukoll żieda fil-kost tal-ivjaġġar meta mqabbel mal-2024 (EUR 250 000);

— ikopri żidiet fl-ispejjeż tal-missjonijiet u tal-ivvjaġġar tal-Kabinett u ta' membri oħra tal-persunal marbuta mal-President tal-Kunsill Ewropew minħabba żieda fl-involviment tal-UE mas-sħab u inflazzjoni fis-settur tat-trasport li taqbeż iż-żieda fl-approprjazzjonijiet tal-baġit (EUR 250 000);

— ikopri x-xiri ta' għamara standard addizzjonali fl-2025, filwaqt li jevita żidiet fil-prezzijiet fl-2026 u jiżgura ffrankar tal-kostijiet għall-Istituzzjoni (EUR 150 000);

— ikopri l-ħtiġijiet addizzjonali marbuta mat-tħejjija u l-pubblikazzjoni fil-lingwi uffiċjali tal-Istati Membri tal-pubblikazzjonijiet tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill, minbarra dawk ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (EUR 23 000);

— ikopri l-ħtiġijiet addizzjonali marbuta mat-tkomplija tal-produzzjoni ta' prodotti moderni ta' komunikazzjoni viżiva għall-web u l-media soċjali u biex jingħata servizzi ta' disinn għas-siti web tal-presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill (EUR 165 000);

— ikopri l-ħtiġijiet addizzjonali marbuta mat-titjib tal-kapaċità ta' tiftix rapidu u semantiku fid-data interna tagħna tas-SĠK, billi tiżdied il-kapaċità tas-SĠK fiċ-ċentru tad-data u billi jiġu sfruttati t-teknoloġiji tal-IA u tad-data implimentati fl-infrastruttura li għandu s-SĠK, waqt li jiġi evitat l-esponiment għall-internet u jiġu rispettati l-konformità u s-sigurtà tal-informazzjoni (EUR 1 206 000);

— ikopri ħtiġijiet addizzjonali li jirriżultaw mill-konformità mar-Regolament dwar iċ-Ċibersigurtà u mill-ġestjoni proattiva tar-riskji marbuta maċ-ċibersigurtà fuq diversi applikazzjonijiet tas-sistemi tal-kompjuter (EUR 1 786 000);

— ikopri l-ħtieġa dejjem tikber biex data addizzjonali tinħażen u jkollha backup (EUR 200 000).

— it-trasferiment C2 ta' EUR 2 325 000 fit-28 ta' Novembru 2025 biex:

— ikopri ż-żidiet marbuta mal-ħtieġa li jiġi mmodernizzat it-tagħmir tad-distribuzzjoni tal-enerġija biex jittejbu s-sikurezza u l-affidabbiltà operazzjonali tiegħu, kif ukoll il-kmamar li jinsab fihom. Dan ser ikopri wkoll is-sostituzzjoni tad-dwal u t-titjib tas-sistema tas-sireni (EUR 850 000);

— ikopri l-ħtieġa li jiġu sostitwiti l-komponenti kritiċi tal-infrastruttura tal-IT meħtieġa għall-ġestjoni sigura u effiċjenti tas-servizzi tan-network ewlieni (EUR 250 000);

— ikopri ħtiġijiet addizzjonali li jirriżultaw mill-konformità mar-Regolament dwar iċ-Ċibersigurtà u mill-ġestjoni proattiva tar-riskji marbuta maċ-ċibersigurtà fuq diversi applikazzjonijiet tas-sistemi tal-kompjuter (EUR 1 225 000).

Barra minn hekk, 46 trasferiment B intern abbażi tal-Artikolu 29(4) tar-Regolament Finanzjarju mmodifikaw il-baġit KE/K fl-2025.

It-Tabella 7 tagħti ħarsa ġenerali lejn il-linji baġitarji li ġew immodifikati b'mod sinifikanti ([5]) fl-2025 permezz ta' riallokazzjoni interni ta' approprjazzjonijiet.

Tabella 7:

Linji baġitarji li kienu soġġetti għal trasferimenti sinifikanti fl-2025 (EUR)

Punt	Intestatura	Baġit emendat 2025	Trasferimenti	Approprjazzjonijiet finali	Differenza
1105	Sahra	1 290 000	- 460 000	830 000	-36 %
1106	Intitolamenti taħt ir-Regolamenti tal-Persunal marbutin mad-dħul fis-servizz, it-trasferiment u t-tluq mis-servizz	2 195 000	460 000	2 655 000	21 %
1110	Allowances fil-każ ta' rtirar fl-interess tas-servizz	2 386 000	- 400 000	1 986 000	-17 %
1207	Aġġustament annwali tar-remunerazzjoni	319 000		- 319 000	-100 %
1331	Spejjeż tal-missjonijiet tas-segretarjat tal-Kunsill	2 970 000	250 000	3 220 000	8 %
1332	Spejjeż għall-ivvjaġġar tal-persunal relatat mal-Kunsill Ewropew	1 700 000	250 000	1 950 000	15 %
2000	Kera	452 000	- 303 544	148 456	-67 %
2003	Xogħol ta' sistemazzjoni u ta' installazzjoni	8 378 000	1 101 044	9 479 044	13 %

([5]) Ammont nett > EUR 250 000.

Punt	Intestatura	Baġit emendat 2025	Trasferimenti	Approprjazzjonijiet finali	Differenza
2010	Tindif u manutenzjoni	21 587 000	- 1 110 242	20 476 758	-5 %
2012	Sigurtà u sorveljanza tal-bini	19 089 000	- 570 000	18 519 000	-3 %
2100	Akkwist ta' tagħmir u software	16 470 000	1 084 724	17 554 724	7 %
2101	Assistenza esterna għat-tħaddim u l-iżvilupp ta' sistemi tal-kompjuter	29 385 000	3 691 427	33 076 427	13 %
2102	Żamma fi stat tajjeb u manutenzjoni ta' tagħmir u software	6 959 707	- 465 861	6 493 846	-7 %
2103	Telekomunikazzjoni	1 596 000	356 710	1 952 710	22 %
2120	Xiri u bdil ta' tagħmir u installazzjoni tekniċi	2 199 000	- 427 600	1 771 400	-19 %
2132	Kiri, manutenzjoni u tiswija tal-flotta ta' vetturi	1 570 000	- 388 150	1 181 850	-25 %
2200	Spejjeż tal-ivvjaġġar tad-delegazzjonijiet	15 505 000	- 400 829	15 104 171	-3 %
2202	Spejjeż ta' interpretazzjoni	85 060 000	- 2 523 171	82 536 829	-3 %
2205	Organizzazzjoni ta' konferenzi, kungressi u laqgħat	1 246 000	- 406 000	840 000	-33 %

II) ***Harsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-baġit 2021-2025***


Matul l-aħħar ħames snin (Grafika 1), ir-rata ġenerali ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-KE/K żdiedet minn 88,0 % għal 96,7 %. Ir-rata ta' implimentazzjoni tirreferi għall-impenji li saru matul is-sena baġitarja mill-baġit adottat disponibbli.

Ir-rata ta' ħlasijiet annwali proprji bejn l-2021 u l-2025 kienet fil-medja, 83,2 % tal-baġit. Id-differenza bejn l-implimentazzjoni globali u l-ħlasijiet f'sena partikolari (jiġifieri impenji mhux imħallsa) ġiet riportata, f'konformità mal-Artikolu 12(7) tar-Regolament Finanzjarju, għas-sena baġitarja li jmiss għall-ħlas.

In-nefqa għar-remunerazzjoni u l-allowances għall-membri u għall-persunal tal-istituzzjonijiet tal-UE ma tistax tiġi riportata (l-Artikolu 12(8) tar-Regolament Finanzjarju).

Grafika 1

Implimentazzjoni globali tal-baġit 2021-2025



Għall-2025, l-approprjazzjonijiet riportati kienu relatati mal-obbligi debitament ikkuntrattati qabel l-aħħar tas-sena baġitarja iżda fejn l-oġġetti u s-servizzi jkunu għadhom ma twasslux u/jew ma jkunux waslu fatturi għalihom sal-aħħar tas-sena.

III) ***Implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet skont il-kategorija fl-2025***

L-analiżi tan-nefqa fl-2025 hija mqassma f'14-il kategorija ta' nfiq.

It-Tabella 8 tqabbel il-baġit finali wara t-trasferimenti (kolonna 2) mal-eżitu tal-baġit f'termini ta' impenji (kolonna 3). Id-differenza bejn il-baġit finali u l-approprjazzjonijiet impenjati tikkorrispondi għall-ammonti mhux użati fl-2025 u għalhekk ikkanċellati.

Tabella 8

Ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-baġit 2025 (skont il-kategorija, EUR)

Kategorija	Baġit 2025 (emendat)	Baġit 2025 (finali (*))	Impenji	Rata tal-eżitu	Approprjazzjonijiet ikkanċellati
	1	2	3	4=3/2	5=2-3
Tabella tal-persunal	443 931 151	443 531 151	421 917 774	95,1 %	21 613 377
Infiq ieħor għall-persunal	29 464 000	29 864 000	28 707 476	96,1 %	1 156 524
Binjiet (minbarra akkwisti)	60 185 000	59 340 000	59 282 743	99,9 %	57 257
Sistemi tal-kompjuter	54 410 707	59 077 707	59 056 984	100,0 %	20 723
Għamara	1 055 000	1 205 000	1 201 842	99,7 %	3 158
Tagħmir tekniku	3 644 000	3 179 000	3 100 589	97,5 %	78 411

Kategorija	Baġit 2025 (emendat)	Baġit 2025 (finali (*))	Impenji	Rata tal-eżitu	Approprjazzjonijiet ikkanċellati
	1	2	3	4=3/2	5=2-3
Trasport	2 190 000	1 870 000	1 849 990	98,9 %	20 010
Spejjeż tal-ivvjaġġar tad-delegazzjonijiet	15 505 000	15 104 171	15 104 171	100,0 %	
Spejjeż ta' interpretazzjoni	85 060 000	82 536 829	82 536 829	100,0 %	
Laqgħat u konferenzi	7 609 000	7 203 000	6 912 757	96,0 %	290 243
Informazzjoni	9 808 000	9 996 000	9 995 718	100,0 %	282
Mixxellanju	1 407 000	1 362 000	1 340 686	98,4 %	21 314
Riżerva					
Total (minbarra akkwisti)	**714 268 858**	**714 268 858**	**691 007 559**	**96,7 %**	**23 261 299**
Akkwist ta' proprjetà immobbli					
Total globali	**714 268 858**	**714 268 858**	**691 007 559**	**96,7 %**	**23 261 299**

(*) Jinkludi riallokazzjoni interna ta' approprjazzjonijiet

Ir-rata globali ta' implimentazzjoni tal-baġit 2025 kienet ta' 96,7 %. Id-differenza bejn il-baġit finali u l-implimentazzjoni tista' tiġi spjegata kif ġej:

— L-infiq insuffiċjenti totali fil-kategorija tat-tabella tal-persunal kien ta' EUR 21,6 miljun (4,9 % tal-baġit finali tal-persunal). Dak l-infiq insuffiċjenti jirriżulta prinċipalment minn ħtiġijiet anqas għas-salarji bażiċi (EUR 6,8 miljun), għall-allowances tal-unitajiet domestiċi, tal-espatrijazzjoni u tar-residenza barranija (EUR 2,8 miljun) u għall-aġġustament tar-remunerazzjoni (EUR 10,3 miljun). Fatturi oħra li kkontribwew għall-infiq insuffiċjenti kienu ħtiġijiet anqas marbuta mal-allowances fil-każ ta' rtirar fl-interessi tas-servizz (EUR 0,6 miljun) u għas-sahra (EUR 0,2 miljun).

— Fil-kategorija ta' nefqa oħra relatata mal-persunal, 48 % tal-infiq insuffiċjenti (EUR 0,55 miljun minn EUR 1,2 miljun) kien marbut ma' ħlasijiet aktar baxxi għal konsulenti speċjali, persunal kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati u servizzi esterni oħra magħduda. L-iffrankar f'nefqa oħra marbuta mal-persunal (taħriġ, spejjeż mediċi, servizzi soċjali, eċċ.) ammonta għal EUR 0,61 miljun.

— L-implimentazzjoni ġenerali tan-nefqa relatata mal-bini kienet ta' 99,9 %.

— L-implimentazzjoni tal-baġit għall-IT kienet ta' 99,96 % u 99,7 % għall-għamara.

— L-implimentazzjoni għat-tagħmir tekniku kienet ta' 97,5 % u 98,9 % għat-trasport.

— L-implimentazzjoni għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar tad-delegazzjonijiet kienet ta' 100 %. L-ammont disponibbli għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar tad-delegazzjonijiet wara t-trasferimenti kien jammonta għal EUR 15,1 miljun. Il-baġit inizjali kien ta' EUR 15,5 miljun, u ġew ittrasferiti lilu EUR 10,13 miljun mill-iffrankar minn xi pakketti għall-interpretazzjoni. Sussegwentement, EUR 8,57 miljun ġew ittrasferiti għall-interpretazzjoni għall-"pakkett tekniku" ([6]). Il-pakkett għall-interpretazzjoni teknika jiffinanzja parzjalment il-lingwi li attwalment qed jintużaw bħala lingwi "pivot", li jservu pont bejn il-kombinazzjonijiet, li huwa strumentali fl-iżgurar tal-komunikazzjoni multilingwi. Fl-aħħar nett, wara talbiet li waslu minn Stati Membri differenti, EUR 1,96 miljun oħra ġew ittrasferiti wkoll għall-interpretazzjoni.

— Ir-rata ta' implimentazzjoni għall-interpretazzjoni kienet ukoll ta' 100 %. L-ammont disponibbli għall-interpretazzjoni wara t-trasferimenti ammonta għal EUR 82,5 miljun. Il-baġit inizjali kien ta' EUR 85,1 miljun, li għalih

